**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

| **Is-Sitt Sena** | **Malti Fehem is-Smigħ** | **Ħin: 30 minuta** |
|---|---|---|

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba tfal!

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se naqrahomlok darbtejn.

Issa nitlobkom tiftħu l-iskript li għandkom quddiemkom ħa nibdew.

--------------- *Waqfa ta' 10 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.

--------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

**Skola ġdida**

Wasal il-jum li Tommy kien ilu jinkwieta u jhewden fuqu. Illum Tommy kien se jibda skola ġdida, u għalhekk kien qed iħossu mdejjaq u mbeżża'.

"Ma rridx immur l-iskola llum," qal lil missieru.

"Nifhmek, ibni," wieġbu missieru. "Mhux faċli tibda skola ġdida, normali li tħossok imbeżża'."

Tommy u missieru għadhom kif ġarrew f'dar ġdida, ġo raħal ieħor u llum Tommy ħa jibda l-iskola l-ġdida. Dawn il-bidliet kollha saru f'ħakka t'għajn fi żmien ġimgħa u ma kienx ippreparat għalihom.

"Qed inħossni ma niflaħx," qal Tommy lil missieru. "Għandi żaqqi tuġagħni u ma niflaħx niekol il-kolazzjon."

"Naħseb naf għalfejn qed jiġrilek hekk. Għax qed tħossok nervuż ħafna," qallu missieru. Imbagħad ħabbillu ftit xagħru u għannqu naqra miegħu.

"Ipprova ixrob ftit ħalib imqar, imbagħad inwasslek sal-iskola."

Hekk kif kienu mixijn lejn l-iskola, Tommy kien imħasseb. Bejnu u bejn ruħu beda jgħid:

Min jaf kif inhuma t-tfal tal-klassi tiegħi? Tgħid se jirnexxili nagħmel ħbieb ġodda? Se jkolli għalliema tajbin? U jekk isaqsuni xi ħaġa u ma nkunx naf it-tweġiba? Se jidħku bija?

"Wasalna." Leħen missieru ħasad lil Tommy, li kien mitluf fil-ħsibijiet tiegħu. Tommy għolla rasu 'l fuq biex jifli sew l-iskola l-ġdida tiegħu. Baqa' mbellah! L-iskola l-ġdida kien fiha daqs dinja! L-iskola fejn kien imur qabel kienet ferm iżgħar.

Tommy xtaq idur u jaħrab jiġri lura lejn id-dar, iżda kien jaf li ma setax. Minflok, ħa nifs kbir u b'qalbu tħabbat sitta sitta beda tiela' bilmod it-tarġiet tal-iskola.

Baqa' dieħel fil-kuritur u wasal sal-klassi tiegħu tas-sitt sena.

"Naħseb wasal Tommy!" sema' tifla tgħid. Kif rifes l-għatba tal-klassi, it-tfal daru miegħu qaqoċċa.

"Bonġu Tommy. Merħba !" qaltlu tifla oħra hekk kif beda dieħel ġol-klassi.

"Trid fil-brejk indawruk ftit mal-iskola ħabib?" staqsih tifel ieħor, wiċċu daħkan.

It-tfal kollha dehru ġentili u Tommy ħassu ftit aħjar, iżda xorta waħda baqa' jħossu ftit imbeżża'. Fil-brejk, it-tfal tal-klassi qagħdu kollha ħdejh u ħadulu rasu jistaqsuh ħafna affarijiet dwaru u Tommy irnexxilu jiekol xi ħaġa.

Hu u ħiereġ mill-iskola, missieru kien ġa qiegħed jistennih.

"Kif mort, ibni? Ħadt gost?" Staqsih.

"Mhux ħażin," wieġbu.

"Għada żgur li se tkun aħjar, serraħ rasek," qallu missieru. "Mhux faċli sakemm tidra bidla kbira bħal din. Imma żgur li se tidra." U ma' dan il-kliem żied tbissima.

"Naf, papà," qallu Tommy u tbissimlu lura. Imbagħad qabad id missieru biex iżommha waqt li kienu mixjin lejn id-dar il-ġdida tagħhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħt.

**Numru wieħed:**

**Għalfejn Tommy kien qed iħossu mdejjaq u mbeżża'?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Għax dakinhar kienu ġarrew f'dar ġdida.

b. Għax kien ħa jmur joqgħod f'raħal ieħor.

ċ. Għax kien ħa jibda skola ġdida.

d. Għax kien sejjer l-iskola waħdu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

**F'liema sena qiegħed Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. It-tielet sena.

b. Ir-raba' sena.

ċ. Il-ħames sena.

d. Is-sitt sena.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

**Missieru ħaseb li Tommy qed iħossu ma jiflaħx għax**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. kellu n-ngħas.

b. nervuż ħafna.

ċ. kellu riħ.

d. kiel iżżejjed.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

**Fuqhiex kien qed jaħseb Tommy waqt li kien miexi lejn l-iskola?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Fl-eżamijiet.

b. Fit-tfal l-oħra tal-klassi.

ċ. Fil-*homework*.

d. Fid-dar il-ġdida tagħhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

**Kif dehret l-iskola l-ġdida ta' Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Sabiħa ħafna.

b. Moderna ħafna.

ċ. Ikbar mill-iskola fejn kien imur qabel.

d. Iżgħar mill-iskola fejn kien imur qabel.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

**Kif dehru t-tfal tal-klassi l-ġdida ta' Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Intelliġenti.

b. Dħulin.

ċ. Imqarbin.

d. Ċajtiera.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba

**Veru jew Falz? Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

(Waqfa ta' 3 sekondi bejn waħda u oħra.)

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 1 | Tommy u missieru ġarrew f'dar ġdida f'temp ta' ġimagħtejn. | | |
| 2 | Tommy ma setax jiekol il-kolazzjon għax kien sar il-ħin. | | |
| 3 | Tommy u missieru marru l-iskola bil-mixi. | | |
| 4 | Kif wasal quddiem l-iskola, Tommy ħassu ferħan ħafna. | | |

*--------------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb ---------*

Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta**

**Skola ġdida**

Wasal il-jum li Tommy kien ilu jinkwieta u jhewden fuqu. Illum Tommy kien se jibda skola ġdida, u għalhekk kien qed iħossu mdejjaq u mbeżża'.

"Ma rridx immur l-iskola llum," qal lil missieru.

"Nifhmek, ibni," wieġbu missieru. "Mhux faċli tibda skola ġdida, normali li tħossok imbeżża'."

Tommy u missieru għadhom kif ġarrew f'dar ġdida, ġo raħal ieħor u llum Tommy ħa jibda l-iskola l-ġdida. Dawn il-bidliet kollha saru f'ħakka t'għajn fi żmien ġimgħa u ma kienx ippreparat għalihom.

"Qed inħossni ma niflaħx," qal Tommy lil missieru. "Għandi żaqqi tuġagħni u ma niflaħx niekol il-kolazzjon."

"Naħseb naf għalfejn qed jiġrilek hekk. Għax qed tħossok nervuż ħafna," qallu missieru. Imbagħad ħabbillu ftit xagħru u għannqu naqra miegħu.

"Ipprova ixrob ftit ħalib imqar, imbagħad inwasslek sal-iskola."

Hekk kif kienu mixijn lejn l-iskola, Tommy kien imħasseb. Bejnu u bejn ruħu beda jgħid:

Min jaf kif inhuma t-tfal tal-klassi tiegħi? Tgħid se jirnexxili nagħmel ħbieb ġodda? Se jkolli għalliema tajbin? U jekk isaqsuni xi ħaġa u ma nkunx naf it-tweġiba? Se jidħku bija?

"Wasalna." Leħen missieru ħasad lil Tommy, li kien mitluf fil-ħsibijiet tiegħu. Tommy għolla rasu 'l fuq biex jifli sew l-iskola l-ġdida tiegħu. Baqa' mbellah! L-iskola l-ġdida kien fiha daqs dinja! L-iskola fejn kien imur qabel kienet ferm iżgħar.

Tommy xtaq idur u jaħrab jiġri lura lejn id-dar, iżda kien jaf li ma setax. Minflok, ħa nifs kbir u b'qalbu tħabbat sitta sitta beda tiela' bilmod it-tarġiet tal-iskola.

Baqa' dieħel fil-kuritur u wasal sal-klassi tiegħu tas-sitt sena.

"Naħseb wasal Tommy!" sema' tifla tgħid. Kif rifes l-għatba tal-klassi, it-tfal daru miegħu qaqoċċa.

"Bonġu Tommy. Merħba !" qaltlu tifla oħra hekk kif beda dieħel ġol-klassi.

"Trid fil-brejk indawruk ftit mal-iskola ħabib?" staqsih tifel ieħor, wiċċu daħkan.

It-tfal kollha dehru ġentili u Tommy ħassu ftit aħjar, iżda xorta waħda baqa' jħossu ftit imbeżża'. Fil-brejk, it-tfal tal-klassi qagħdu kollha ħdejh u ħadulu rasu jistaqsuh ħafna affarijiet dwaru u Tommy irnexxilu jiekol xi ħaġa.

Hu u ħiereġ mill-iskola, missieru kien ġa qiegħed jistennih.

"Kif mort, ibni? Ħadt gost?" Staqsih.

"Mhux ħażin," wieġbu.

"Għada żgur li se tkun aħjar, serraħ rasek," qallu missieru. "Mhux faċli sakemm tidra bidla kbira bħal din. Imma żgur li se tidra." U ma' dan il-kliem żied tbissima.

"Naf, papà," qallu Tommy u tbissimlu lura. Imbagħad qabad id missieru biex iżommha waqt li kienu mixjin lejn id-dar il-ġdida tagħhom.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Se nerġa' naqralek Taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħt.

**Numru wieħed:**

**Għalfejn Tommy kien qed iħossu mdejjaq u mbeżża'?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. Għax dakinhar kienu ġarrew f'dar ġdida.

d. Għax kien ħa jmur joqgħod f'raħal ieħor.

ċ. Għax kien ħa jibda skola ġdida.

d. Għax kien sejjer l-iskola waħdu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

**F'liema sena qiegħed Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. It-tielet sena.

d. Ir-raba' sena.

ċ. Il-ħames sena.

d. Is-sitt sena.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

**Missieru ħaseb li Tommy qed iħossu ma jiflaħx għax**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. kellu n-ngħas.

d. nervuż ħafna.

ċ. kellu riħ.

d. kiel iżżejjed.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

**Fuqhiex kien qed jaħseb Tommy waqt li kien miexi lejn l-iskola?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. Fl-eżamijiet.

d. Fit-tfal l-oħra tal-klassi.

ċ. Fil-*homework*.

d. Fid-dar il-ġdida tagħhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

**Kif dehret l-iskola l-ġdida ta' Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. Sabiħa ħafna.

d. Moderna ħafna.

ċ. Ikbar mill-iskola fejn kien imur qabel.

d. Iżgħar mill-iskola fejn kien imur qabel.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

**Kif dehru t-tfal tal-klassi l-ġdida ta' Tommy?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

c. Intelliġenti.

d. Dħulin.

ċ. Imqarbin.

d. Ċajtiera.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba

**Veru jew Falz? Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

(Waqfa ta' 3 sekondi bejn waħda u oħra.)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | Tommy u missieru ġarrew f'dar ġdida f'temp ta' ġimagħtejn. | | |
| 2 | Tommy ma setax jiekol il-kolazzjon għax kien sar il-ħin. | | |
| 3 | Tommy u missieru marru l-iskola bil-mixi. | | |
| 4 | Kif wasal quddiem l-iskola, Tommy ħassu ferħan ħafna. | | |

***Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.***

Issa ngħaddu għat-tieni silta.

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

--------------- *Waqfa ta' 45 sekonda* ---------------

Issa se naqralek it-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta.**

**Vaganzi man-nannu.**

Tommy tar minn fuq is-sodda hekk kif feġġew l-ewwel raġġi tax-xemx mit-tieqa ta' kamartu. Fetaħ il-gwardarobba beraħ, qabad il-barżakka u tefagħha mal-art.

Beda jaħseb x'se jieħu miegħu meta jmur għand in-nannu.

Iddeċieda li jieħu ktieb dwar tifel li huwa ukoll aġent sigriet u ieħor li kien ġab mil-librerija dwar kif tibni fortizza. Fl-aħħar tefa' ukoll il-kelb tad-drapp li jkun dejjem fuq is-sodda tiegħu, ma setax jitlaq mingħajru!

Kull sena Tommy iqatta' ħmistax ma' nannuh, u hu kellu seba' mitt sena sakemm jaslu dawk il-ġranet għax dejjem jgħid li jkunu l-isbaħ ġimagħtejn tal-vaganzi tas-sajf.

Nannuh iħobb jieħdu jistad u anke jaraw xi logħba tal-futbol. Apparti minn hekk, nannuh iħobb ukoll joqgħod jgħallmu kif jirranġa xi affarijiet madwar id-dar u xi xogħlijiet artiġjanali oħra. In-nannu kien jinqala' sew fix-xogħol tal-idejn.

In-nannu ta' Tommy għandu paċenzja ta' Ġob u kienet l-hena tiegħu jqatta' ħafna sigħat twal biex jurih kif għandu juża l-għodda tiegħu.

F'daqqa waħda, hekk kif Tommy kien ġa qed joħlom bl-affarijiet li kien se jagħmel ma' nannuh, missieru xiref mill-bieb tal-kamra tas-sodda u għajjatlu, "Tommy, wasal in-nannu!"

Lanqas laħaq spiċċa s-sentenza, li Tommy qabad il-barżakka u niżel it-taraġ sitta sitta u lebbet lejn il-kċina, fejn kien qed jistennih nannuh.

"Hemm hu! Lest biex immorru?" qallu nannuh bi tbissima.

"Iva, lest. Tlaqna!" wieġbu Tommy. U mar jgħannaq malajr lil missieru waqt li ġa beda iħoss l-eċitament jiġri ma' ġismu kollu.

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

**Numru wieħed:**

**Tommy tar minn fuq is-sodda għax**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. kien tard.

b. ħa qatgħa.

ċ. kien eċitat.

d. kien inkwetat.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru tnejn:**

**F'liema żmien tas-sena sseħħ din l-istorja?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Fir-rebbiegħa.

b. Fis-sajf.

ċ. Fil-ħarifa.

d. Fix-xitwa.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

**Xi jħobb l-iżjed Tommy mill-vaganzi tas-sajf?**

a. Jirranġa l-affarijiet madwar id-dar.

b. Imur jistad ma' missieru.

ċ. Iqatta' ħmistax ma' nannuh.

d. Iqum kmieni.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

**Mis-silta nafu li n-nannu ta' Tommy huwa bniedem**

a. xiħ.

b. ċajtier.

ċ. paċenzjuż.

d. strett.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

**X'għallmu nannuh lil Tommy?**

a. Jilgħab il-futbol.

b. Jistad.

ċ. Juża l-għodda.

d. Jibni fortizza.

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

**Numru sitta:**

**Kif iħossu Tommy dwar il-fatt li sejjer għand nannuh?**

a. Eċitat ħafna.

b. Imdejjaq.

ċ. Ma jridx imur.

d. Irrabjat.

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma jew frażi

a. Il-kotba li ħa miegħu Tommy kienu fuq __________________u

kif______________________

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

b. Żewġ affarijiet li n-nannu kien jagħmel huma:

___________________________ u _____________________________

*-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------*

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Il-Qari tat-Tieni Silta.**

**Vaganzi man-nannu.**

Tommy tar minn fuq is-sodda hekk kif feġġew l-ewwel raġġi tax-xemx mit-tieqa ta' kamartu. Fetaħ il-gwardarobba beraħ, qabad il-barżakka u tefagħha mal-art.

Beda jaħseb x'se jieħu miegħu meta jmur għand in-nannu.

Iddeċieda li jieħu ktieb dwar tifel li huwa ukoll aġent sigriet u ieħor li kien ġab mil-librerija dwar kif tibni fortizza. Fl-aħħar tefa' ukoll il-kelb tad-drapp li jkun dejjem fuq is-sodda tiegħu, ma setax jitlaq mingħajru!

Kull sena Tommy iqatta' ħmistax ma' nannuh, u hu kellu seba' mitt sena sakemm jaslu dawk il-ġranet għax dejjem jgħid li jkunu l-isbaħ ġimagħtejn tal-vaganzi tas-sajf.

Nannuh iħobb jieħdu jistad u anke jaraw xi logħba tal-futbol. Apparti minn hekk, nannuh iħobb ukoll joqgħod jgħallmu kif jirranġa xi affarijiet madwar id-dar u xi xogħlijiet artiġjanali oħra. In-nannu kien jinqala' sew fix-xogħol tal-idejn.

In-nannu ta' Tommy għandu paċenzja ta' Ġob u kienet l-hena tiegħu jqatta' ħafna sigħat twal biex jurih kif għandu juża l-għodda tiegħu.

F'daqqa waħda, hekk kif Tommy kien ġa qed joħlom bl-affarijiet li kien se jagħmel ma' nannuh, missieru xiref mill-bieb tal-kamra tas-sodda u għajjatlu, "Tommy, wasal in-nannu!"

Lanqas laħaq spiċċa s-sentenza, li Tommy qabad il-barżakka u niżel it-taraġ sitta sitta u lebbet lejn il-kċina, fejn kien qed jistennih nannuh.

"Hemm hu! Lest biex immorru?" qallu nannuh bi tbissima.

"Iva, lest. Tlaqna!" wieġbu Tommy. U mar jgħannaq malajr lil missieru waqt li ġa beda iħoss l-eċitament jiġri ma' ġismu kollu.

**Issa se naqralek Taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

**Numru wieħed:**

**Tommy tar minn fuq is-sodda għax**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. kien tard.

b. ħa qatgħa.

ċ. kien eċitat.

d. kien inkwetat.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

**F'liema żmien tas-sena sseħħ din l-istorja?**

Agħżel minn dawn li ġejjin:

a. Fir-rebbiegħa.

b. Fis-sajf.

ċ. Fil-ħarifa.

d. Fix-xitwa.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

**Xi jħobb l-iżjed Tommy mill-vaganzi tas-sajf?**

a. Jirranġa l-affarijiet madwar id-dar.

b. Imur jistad ma' missieru.

ċ. Iqatta' ħmistax ma' nannuh.

d. Iqum kmieni.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

**Mis-silta nafu li n-nannu ta' Tommy huwa bniedem**

a. xiħ.

b. ċajtier.

ċ. paċenzjuż.

d. strett.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

**X'għallmu nannuh lil Tommy?**

a. Jilgħab il-futbol.

b. Jistad.

ċ. Juża l-għodda.

d. Jibni fortizza.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

**Kif iħossu Tommy dwar il-fatt li sejjer għand nannuh?**

a. Eċitat ħafna.

b. Imdejjaq.

ċ. Ma jridx imur.

d. Irrabjat.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma jew frażi

a. Il-kotba li ħa miegħu Tommy kienu fuq ________________u

kif_____________________

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

b. Żewġ affarijiet li n-nannu kien jagħmel huma:

_________________________ u ___________________________

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

**TMIEM IL-KARTA**